



Werrej

II Atti mhux leġiżlattivi

DEĊIŻIONIJET

- ★ Deċiżjoni (UE) 2019/275 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni wara applikazzjoni mill-Greċja — EGF/2018/003 EL/Attica publishing 1
- ★ Deċiżjoni (UE) 2019/276 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2018 dwar il-mobilizzazzjoni tal-Istrument ta' Flessibilità biex jiġu msaħħa programmi ewlenin għall-kompetittività tal-UE għall-finanzjament ta' miżuri baġitarji immedjati biex jiġu indirizzati t-treddidiet kontinwi tal-migrazzjoni, tad-dħul tar-rifuġjati u tas-sigurtà 3
- ★ Deċiżjoni (UE) 2019/277 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2018 dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea sabiex jipprovdi għall-pagament tal-avvanzi fil-baġit ġenerali tal-Unjoni għall-2019 5

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

DEĊIŻONIJIET

DEĊIŻJONI (UE) 2019/275 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tal-11 ta' Diċembru 2018

dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni wara applikazzjoni mill-Greċja — EGF/2018/003 EL/Attica publishing

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament (UE) Nru 1309/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (2014-2020) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006 ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 15(4) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-punt 13 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) għandu l-għan li jipprovdi appoġġ lill-ħaddiema li jkunu ngħataw is-sensja u lil persuni li jaħdmu għal rashom li l-attività tagħhom waqfet b'riżultat ta' bidliet strutturali kbar fix-xejriet tal-kummerċ dinji minħabba l-globalizzazzjoni, b'riżultat ta' kontinwazzjoni tal-kriżi finanzjarja u ekonomika globali, jew b'riżultat ta' kriżi finanzjarja u ekonomika globali ġdida, u biex jgħinhom fir-riintegrazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol.
- (2) Il-FEG ma għandux jaqbeż l-ammont massimu annwali ta' EUR 150 miljun (prezzijiet tal-2011), kif stabbilit fl-Artikolu 12 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 ⁽³⁾.
- (3) Fit-22 ta' Mejju 2018, il-Greċja ppreżentat applikazzjoni għall-mobilizzazzjoni tal-FEG, fir-rigward tas-sensji fis-settur tal-attivitàjiet ta' pubblikazzjoni fir-reġjun ta' Attica. Din kienet issupplimentata minn informazzjoni addizzjonali pprovduta f'konformità mal-Artikolu 8(3) tar-Regolament (UE) Nru 1309/2013. Dik l-applikazzjoni tikkonforma mar-rekwiżiti għad-determinazzjoni ta' kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG, kif stabbilit fl-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) Nru 1309/2013.
- (4) Għaldaqstant, il-FEG jenħtieġ li jiġi mmobilizzat sabiex tingħata kontribuzzjoni finanzjarja li tammonta għal EUR 2 308 500 għall-applikazzjoni ppreżentata mill-Greċja.
- (5) Sabiex iż-żmien li jittieħed għall-mobilizzazzjoni tal-FEG jitnaqqas kemm jista' jkun, din id-deċiżjoni jenħtieġ li tidħol fis-seħħ mid-data tal-adozzjoni tagħha,

⁽¹⁾ ĠUL 347, 20.12.2013, p. 855.

⁽²⁾ ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1.

⁽³⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-sinjura 2014-2020 (ĠUL 347, 20.12.2013, p. 884).

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Għall-baġit ġenerali tal-Unjoni għas-sena finanzjarja għall-2018, il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għandu jiġi mmobilizzat biex jipprovdi l-ammont ta' EUR 2 308 500 f'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Hija għandha tapplika mill-11 ta' Diċembru 2018.

Magħmul fi Strasburgu, il-11 ta' Diċembru 2018.

Għall-Parlament Ewropew

Il-President

A. TAJANI

Għall-Kunsill

Il-President

J. BOGNER-STRAUSS

DEĊIŻJONI (UE) 2019/276 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**tat-12 ta' Diċembru 2018****dwar il-mobilizzazzjoni tal-Istrument ta' Flessibilità biex jiġu msaħħa programmi ewlenin għall-kompetittività tal-UE għall-finanzjament ta' miżuri baġitarji immedjati biex jiġu indirizzati t-treddidiet kontinwi tal-migrazzjoni, tad-dħul tar-rifuġjati u tas-sigurtà**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw il-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-punt 12 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi,

- (1) L-Istrument ta' Flessibilità huwa maħsub biex jippermetti l-finanzjament ta' nefqa identifikata b'mod ċar li ma setgħetx tiġi ffinanzjata fil-limiti disponibbli għal intestatura waħda jew aktar.
- (2) Il-limitu massimu tal-ammont annwali disponibbli għall-Istrument ta' Flessibilità jlaħħaq il-EUR 600 000 000 (prezzijiet tal-2011), kif stipulat fl-Artikolu 11 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 ⁽²⁾, miżjud, fejn applikabbli b'ammonti li skadew li saru disponibbli f'konformità mat-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1 ta dak l-Artikolu.
- (3) Sabiex jissaħħu programmi ewlenin għall-kompetittività tal-UE u jiġu indirizzati l-isfidi kontinwi tal-migrazzjoni, id-dħul tar-rifuġjati u theddid għas-sigurtà, huwa meħtieġ li jiġu mmobilizzati ammonti addizzjonali sinifikanti għall-finanzjament ta' tali programmi u miżuri bħala kwistjoni ta' urġenza.
- (4) Wara li ġew eżaminati l-possibilitajiet kollha għar-riallokazzjoni ta' approprjazzjonijiet taħt il-limiti massimi ta' nefqa tas-subintestatura 1a (*Kompetittività għat-tkabbir u l-impjiegi*) u l-intestatura 3 (*Sigurtà u ċittadinanza*), huwa meħtieġ li jiġi mobilizzat l-Istrument ta' Flessibilità biex jissupplimenta l-finanzjament disponibbli fil-baġit ġenerali tal-Unjoni għas-sena finanzjarja 2019 lil hinn mil-limiti massimi tas-subintestatura 1a bl-ammont ta' EUR 178 715 475, għat-tisħiħ ta' programmi ewlenin għall-kompetittività tal-UE u tal-intestatura 3 bl-ammont ta' EUR 985 629 138 għall-finanzjament ta' miżuri fil-qasam talmigrazzjoni, ir-refuġjati u s-sigurtà.
- (5) Abbażi tal-profil tal-pagament mistenni, l-approprjazzjonijiet ta' pagament li jikkorrispondu għall-mobilizzazzjoni tal-Istrument ta' Flessibilità jenħtieġ li jiġu mqassma matul diversi snin finanzjarji.
- (6) Sabiex ikun permess l-użu malajr tal-fondi, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tibda tapplika mill-bidu tas-sena finanzjarja 2019.

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

(1) Għall-baġit ġenerali tal-Unjoni għas-sena finanzjarja 2019, l-Istrument ta' Flessibilità għandu jiġi mobilizzabiex jipprovdi l-ammont ta' EUR 178 715 475 f'approprjazzjonijiet ta' impenn fis-subintestatura 1a (*Kompetittività għat-tkabbir u l-impjiegi*) u ta' EUR 985 629 138 f'approprjazzjonijiet ta' impenji fl-Intestatura 3 (*Sigurtà u ċittadinanza*).

L-ammont imsemmi fl-ewwel subparagrafu għandu jintuża għat-tisħiħ ta' programmi ewlenin għall-kompetittività tal-UE u għall-finanzjament ta' miżuri biex jiġu indirizzati l-isfidi kontinwi tal-migrazzjoni, id-dħul ta' refuġjati u t-treddid għas-sigurtà.

⁽¹⁾ ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1.

⁽²⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884).

(2) Abbażi tal-profil tal-pagament mistenni, l-approprijazzjonijiet ta' pagament li jikkorrispondu għall-mobilizzazzjoni tal-Istrument ta' Flessibilità għandhom ikunu stmati kif ġej:

- (a) EUR 548 740 834 fl-2019;
- (b) EUR 257 223 207 fl-2020;
- (c) EUR 135 194 558 fl-2021;
- (d) EUR 140 942 662 fl-2022;
- (e) EUR 82 243 352 fl-2023.

L-ammonti speċifiċi ta' approprijazzjonijiet ta' pagament għal kull sena finanzjarja għandhom jiġu awtorizzati f'konformità mal-proċedura baġitarja annwali.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2019.

Magħmul fi Strasburg, it-12 ta' Diċembru 2018.

Għall-Parlament Ewropew

Il-President

A. TAJANI

Għall-Kunsill

Il-President

J. BOGNER-STRAUSS

DEĊIŻJONI (UE) 2019/277 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**tat-12 ta' Diċembru 2018****dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea sabiex jipprovdi għall-pagament tal-avvanzi fil-baġit ġenerali tal-Unjoni għall-2019**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002 tal-11 ta' Novembru 2002 li jstabbilixxi l-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 4a(4) tiegħu,Wara li kkunsidraw il-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-punt 11 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea ("il-Fond") għandu l-għan li jippermetti lill-Unjoni tirrispondi b'mod rapidu, effiċjenti u flessibbli għal sitwazzjonijiet ta' emerġenza sabiex tintwera solidarjetà mal-popolazzjonijiet ta' reġjuni milquta minn diżastri naturali.
- (2) Il-Fond ma għandux jaqbeż l-ammont massimu annwali ta' EUR 500 000 000 (prezzijiet tal-2011), kif stabbilit fl-Artikolu 10 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 ⁽³⁾.
- (3) L-Artikolu 4a(4) tar-Regolament emendat (KE) Nru 2012/2002 jipprevedi li, meta jkun meħtieġ sabiex tkun żgurata d-disponibilità fil-ħin tar-riżorsi baġitarji, il-Fond jista' jiġi mobilizzat għal ammont sa massimu ta' EUR 50 000 000 għall-ħlas ta' avvanzi u li l-appropriazzjonijiet korrispondenti jiddaħħlu fil-baġit ġenerali tal-Unjoni.
- (4) Sabiex tiġi żgurata disponibbiltà fil-ħin ta' riżorsi baġitarji suffiċjenti fil-baġit ġenerali tal-Unjoni għall-2019, il-Fond jinħtieġ li jiġi mobilizzat għal ammont ta' EUR 50 000 000 għall-pagament ta' avvanzi.
- (5) Sabiex jitnaqqas kemm jista' jkun iż-żmien għall-mobilizzazzjoni tal-Fond, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tapplika mill-bidu tas-sena finanzjarja 2019,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2019, il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea għandu jiġi mobilizzat sabiex jipprovdi s-somma ta' EUR 50 000 000 f'appropriazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament għall-ħlas ta' avvanzi.

Artikolu 2

Din id-deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Din id-deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2019.

Magħmul fi Strasburgu, it-12 ta' Diċembru 2018.

*Għall-Parlament Ewropew**Il-President*

A. TAJANI

*Għall-Kunsill**Il-President*

J. BOGNER-STRAUSS

⁽¹⁾ ĠUL 311, 14.11.2002, p. 3.⁽²⁾ ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1.⁽³⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-sinjura 2014-2020 (ĠUL 347, 20.12.2013, p. 884).

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT